**Quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji**

**Każ ASF 103/2025**

**CA**

**('l-Ilmentatur')**

**Vs**

**Calamatta Cuschieri Investment Services Ltd.**

**C 13729**

**('Fornitur tas-Servizz' jew 'CC')**

**Seduta tat-18 ta' Lulju 2025**

L-Arbitru,

Ra l-ilment[1] imressaq mill-Ilmentatur datat 22 ta' Mejju 2025, li fih ilmenta dwar:

1. Telf ta' *circa* €850 minħabba li investiment f'***CC High Income Bond Fund – Class D Distributor*** inbiegħ qabel l-*ex-dividend date* tiegħu u, għalhekk, skont hu, tilef id-*dividend* fuq dan l-investiment.
2. Telf ta' €27,000 mil-kapital investit f'dan l-istess investiment f'diversi tranżazzjonijiet matul is-snin.

Isostnu illi:

1. CC tahom parir ibiegħu investiment li kien biss sebat ijiem 'il bogħod mill-*ex-dividend date* u dan kien ta' żvantaġġ għalihom għax tilfu d-*dividend* ta' €850 li kienu jieħdu kieku biegħuh wara l-*ex-dividend date.*

[1] Pagni (p) 1 – 6 u dokumenti annessi p. 7 - 19

2. Għalkemm irċevew diversi *dividends* imqassma regolari matul is-snin, però, kapital ma' kapital  juri telf ta' €27,000.

Bħala rimedju talbu lil CC tagħmel tajjeb għat-telf li ġarrbu.

**Risposta**

Fir-Risposta[2] tagħhom, CC qalu:

1. Mhux minnu li l-Ilmentatur ġie żvantaġġat għax sar il-bejgħ qabel l-*ex-dividend date* għax il-prezz tal-bejgħ kien jinkludi d-*dividend* li kien jitħallas kieku ma nbiegħx.

2. Li mhux minnu li l-Ilmentatur ġarrab it-telf ta' €27,000 indikat għax mhux jieħu kunsiderazjoni ta' dividendi li rċieva tul is-snin fuq dan l-investiment li jammontaw għal madwar €35,000 wara l-ħlas tat-taxxa. Għalhekk isostnu li, fil-fatt, fuq dan l-investiment jirriżulta qligħ nett ta' madwar €9,000.

Sostnew ukoll li l-Ilmentatur għandu portofoll ta' investimenti ma' CC u mhux floku li flok iħares lejn il-qligħ totali tal-portafoll sħiħ jagħżel investiment wieħed, li forsi ma jkunx mar tajjeb daqs kemm xtaq, u jilmenta fuqu individwalment bla kunsiderazzjoni tal-bżonn li jkollu portafoll diversifikat li jiġġenera profitti sew.

**Seduta**

Waqt is-seduta li saret fit-30 ta' Ġunju 2025, il-partijiet irrepetew dak li kienu qalu fl-ilment u fir-risposta oriġinali.

L-Ilmentatur żied li ma jifhimx għalfejn CC kienu qalulu biex inaqqas l-investiment li kellu fil-prodott konċernat għax qalulu li kellu wisq u ssuġġerew li jinvesti biċċa ġo *fund* ieħor ukoll ta' CC.

Huwa sostna li jekk kellu ħafna kien għax dejjem mexa fuq il-parir li kienu tawh. Fil-fatt, hu pprova jwaqqaf il-bejgħ u x-xiri iżda rnexxielu jwaqqaf biss ix-xiri, għax il-bejgħ kien laħaq sar u b'hekk ta lok għall-ilment Nru. 1.

---

[2] P. 25 - 26

**Informazzjoni mitluba**

Permezz ta' digriet[3] datat l-01 ta' Lulju 2025, l-Arbitru talab (u rċieva) din l-informazzjoni.

a. Il-prezz ikkwotat tal-*fund* konċernat għal perjodu kemm qabel u kemm wara l-*ex-dividend date.*[4]

b. L-ammont ta' *dividend* li ġie mqassam.[5]

c. Skeda dwar it-tranżazzjonijiet kollha ta' bejgħ u xiri fil-prodott konċernat tul is-snin.[6]

d. Skeda dwar id-*dividends* kollha li tqassmu lill-ilmentatur tul is-snin fuq l-investiment konċernat.[7]

Jirriżulta li l-bejgħ li sar nhar il-21 ta' Marzu 2025, ġab prezz ta' €80.03 għal kull *unit*. Wara d-*dividend* ta' €1.6314 għal kull *unit* li tħallas fl-aħħar ta' Marzu 2025, il-prezz fl-1 t'April niżel għal €78.13. Dan jikkonferma li l-prezz tal-bejgħ fil-21 ta' Marzu 2025, kien jinkludi d-*dividend* li eventwalment tħallas u, għalhekk, l-Ilmentatur ma nkorra l-ebda telf kif qed jilmenta.

Jirriżulta wkoll li filwaqt li huwa minnu li rigward il-prodott ilmentat, kapital ma' kapital irrenda telf ta' (€109,593.60 - €80,491.53) €29,102.07, iżda rrenda wkoll imgħaxijiet kumulattivi ta' dħul gross qabel it-taxxa ta' €45,077.12 u wara t - taxxa ta' €38,315.54.

Għalhekk l-argument li, kollox ikkunsidrat, l-IImentatur ġarrab xi telf fuq dan il-prodott ma jreġix. L-Ilmentatur żgur li jifhem li meta jinvesti f'investimenti *'high income'* igawdi minn dividendi għoljin, imma l-kapital jaf jitla' u jinżel b'mod qawwi minħabba li l-investiment ikun f'*bonds* ta' kwalità inferjuri. Għalhekk ma jistax igawdi biss dħul għoli bla ma jikkonsidra wkoll li jista' jonqoslu l-kapital.

[3] P. 30
[4] P. 33
[5] P. 32; 33
[6] P. 34
[7] P. 35 - 36

Il-valur kapitali ta' *bonds investment grade* huwa influwenzat minn ċaqliq fir-rati tal-imgħax, filwaqt li *bonds 'high income'* li ma jkunux *investment grade* huma influwenzati wkoll minn ċaqliq fil-*credit quality ratings* tal-*bonds*.

**Deċiżjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet, l-Arbitru qed jiċħad dan l-ilment.

Kull parti ġġorr l-ispejjeż tagħha.

**Alfred Mifsud**
**Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji**

<u>**Nota ta' Informazzjoni relatata mad-Deċiżjoni tal-Arbitru**</u>

*Dritt ta' Appell*

Id-Deċiżjoni tal-Arbitru legalment torbot lill-partijiet, salv id-dritt ta' appell regolat bl-artikolu 27 tal-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji (Kap. 555) ('l-Att'), magħmul quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fi żmien għoxrin (20) ġurnata mid-data tan-notifika tad-Deċiżjoni jew, fil-każ li ssir talba għal kjarifika jew korrezzjoni tad-Deċiżjoni skont l-artikolu 26(4) tal-Att, mid-data tan-notifika ta' dik l-interpretazzjoni jew il-kjarifika jew il-korrezzjoni hekk kif provdut taħt l-artikolu 27(3) tal-Att.

Kull talba għal kjarifika tal-kumpens jew talba għall-korrezzjoni ta' xi żbalji fil-komputazzjoni jew klerikali jew żbalji tipografiċi jew żbalji simili mitluba skont l-artikolu 26(4) tal-Att, għandhom isiru lill-Arbitru, b'notifika lill-parti l-oħra, fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata min-notifika tad-Deċiżjoni skont l-artikolu msemmi.

Skont il-prattika stabbilita, id-Deċiżjoni tal-Arbitru tkun tidher fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji wara li jiskadi l-perjodu tal-appell. Dettalji personali tal-ilmentatur/i jkunu anonimizzati skont l-artikolu 11(1)(f) tal-Att.